**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA**

**18 ta' NOVEMBRU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici u s-Sur David Abdilla.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**8.1** *KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*

8.1.1 Punt 7.1.1 ġie mibdul kif kien ssuġġerit mill-Kunsillier Joseph D'Amato u ġie jinqara hekk kif kwotat min email li irċieva l-Kunsill 'Kull meta applikazzjoni tidħol fuq art li m'hiex tal-applikant, dan għandu jinforma lis-sid(normalment lid-Dipartiment tal-Artijiet) dwar l-intenzjoni li japplika.'

Fuq l-istess punt il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li tinkiteb email lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jkunu kkupjati l-Onor. Owen Bonnici u l-Onor Stefan Buontempo, fejn ikunu mistoqsija jekk il-Kunsill jistax jirrifjuta kwalunkwe proġett f'xi parti miż-Żurrieq, seċjalment fuq bankini. Kien hemm qbil fuq dan.

8.1.2 Fir-rigward ta' punt 7.7.1, il-Kunsillier Kenneth

Farrugia qal li hu nteressat li jkompli jagħti s-sehem tiegħu fl-ispezzjonar tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart goff u filfatt ser jagħmel appuntament mal-Kuntrattur biex itejjeb is-servizz offrut.

8.1.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu jibqa jinsisti mal-kumpanija Polidano Brothers fuq sit dovut lill-komunita'. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li hu min-naħa tiegħu ser jibqa jinsisti fuq il-każ.

8.1.4 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta fuq xogħol fi Triq Wied Babu li hemm bżonn li jsir biex ma jidħolx ilma fil-basements. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.

8.1.5 Fir-rigward ta' punt 7.11.9 il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-każ tal-proġett fi Triq Gervaże Mattew u fuq jekk il-Kunsill għandux konferma mill-Ministru kkonċernat fuq għoti ta' art fi Triq G M Callus biex tissostitwixxi dik ta' Triq Gervaze Mattew.

Is-Sindku qal li l-bord tal-Mepa għandu jiltaqa' fl-20 ta' Diċembru u ser japprova l-proġett fuq l-art ta' Triq Gervaze. żied jgħid li ser jerġgħa jiltaqa' mal-Ministru Michael Falzon u jitolbu laqgħa uffiċċjali.

Il-Kunsillier Dino Bonnici talab li dak li qed jingħad mill-Onorevoli Ministru għandu jkun uffiċċjali u kollox bil-miktub u mhux verbalment.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Onor.Perit Toni Bezzina, biex jinforma lill-MEPA testendi l-ġurnata tal-laqgħa tal-bord. B'hekk il-Kunsill, jilħaq ikollu uffiċċjalment, li l-art ta' Triq G M Callus ser tingħata lilu minflok dik ta' Triq Gervaze Mattew, u l-flus li ntnefqu fil-permessi tal-proġett jiġu trasferiti fuq l-art ta' Triq GM Callus.

Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Kunsillier David Abdilla daħal għas-seduta (ħin 18:15)

8.1.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fir-rigward ta' punt 7.11.10, hu mar jara fejn intalbet li tiġi rampa fi Triq Matteolo Saliba u informa lill-Kunsill li tali rampa ma tistax issir.

8.1.7 Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa seduta.

| | |
|---|---|
| ***8.2*** | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U SOTTO KUMITATI ANZJANI/KULTURA U TURIŻMU KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| 8.2.1 | Is-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ser issir fl-24 ta' Novembru. |
| 8.2.2 | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Turizmu, tal-Anzjani u tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ. |
| 8.2.3 | L-ambaxxatur taż-Żgħażagħ, Kaydem Schembri, nforma li fost l-affarijiet li ntqalu fis-seduti tal-Kunsill taż – Żgħażagħ, ġie ssuġġerit li jsir football tournament fuq ġurnata u l-fondi li jinġabru jmorru kollha għal għaqda filantropika.<br><br>Kien hemm qbil ma din l-inizjattiva. |
| ***8.3*** | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK*** |
| 8.3.1 | Il-minuti tar-Reġjun Nofsinhar ma waslux u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 63 u 64 ġew approvati. |
| ***8.4*** | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| 8.4.1 | Is-Sindku Ignatius Farrugia radd ħajr lill-Kunsillier Joseph D'Amato tax-xogħol siewi li għamel biex il-Mitħna tax-Xarolla setgħet terġa tiġi fl-istat oriġinali tagħha wara li tkissret bil-maltemp fil-5 ta' Ottubru tas-sena 2014.<br><br>Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ħa ftit fit-tul minħabba l-proċeduri tal-polza tal-assigurazzjoni, minħabba materjal li kellu jiġi minn barra minn Malta u minħabba li l-ħaddiema li ħadmu fuq ix-xogħol tal-Mitħna kellhom xi xogħol ieħor ordnat qabilha. Is-Sindku qal li d-dewmien żgur ma kienx minħabba xi nuqqas tal-Kunsill Lokali u għalhekk ħass li l-Kunsillier Kenneth Farrugia naqas billi kiteb kumment fuq il-media soċjali fuq dan il-każ. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkun magħqud f'kollox u jekk ikollu xi mistoqsijiet fuq xi ħaġa li għandu x'jaqsam magħha l-Kunsill, għandu jsitlob informazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv qabel jikteb fuq il-media soċjali.<br><br>Is-Sindku qal li l-Mitħna tax-Xarolla bis-saħħa tal-Kunsillier Joseph D'Amato li kellu u għadu jkollu, diversi laqgħat ma aġenziji tal-ivjaġġar biex jinġabu |

aktar turisti lejn il-Mitħna, qed jirrendu fondi li jagħmlu tajjeb għall-amministrazzjoni tal-istess mitħna. Hu rringrazzja ukoll lill-Kuratur Ġorġ Sammut u lit-team tiegħu u lil dawk li offrew għamara biex il-Mitħna setgħet tkun mużew u tidher f'ambjent li turi kif kienu jgħixu n-nies ġo fiha.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma li fl-aħħar xahar kien hemm 2,500 turist li żaru l-Mitħna, 500 minnhom inġiebu bl-għajnuna tas-Sindku. Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma li l-matejal u x-xogħol li sar fuq il-paletti tal-mitħna, din id-darba hu superjuri minn dak ta' qablu.

Is-Sindku qal li fil-faċċata ta' quddiem, tal-ġurnal L-Orizzont inġieb promozzjoni lill-Mitħna tax-Xarolla u ta' dan issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb ittra ta' ringrazzjament lill-editur tal-ġurnal. Il-Kunsillier Dino Bonnici qabel ma dan, u xtaq li din tibqa tintbagħat kull darba li ssir promozzjoni liż-Żurrieq.

8.4.2 Is-Sindku qal li l-bieraħ ingħatat it-tilqima kontra l-influwenza lill-madwar 700 persuna 'l fuq minn 55 sena. L-attivta' kienet suċċess. Irringrazzja lil kull min ta sehemu fosthom lill-Viċi Sindku Rita Grima li tat ħafna għajnuna fl-attivita'.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament u li jinxtara flixkun xorb, bħala mod ta' apprezzament għal dawk in-nurses li taw is-servizz tagħhom, minħabba li ħadd minnhom ma jitħallas. Kien hemm qbil ukoll li lis-Sur Erwin Frans Darmanin, il-Kunsill iħallsu tal-petrol li jkun nefaq fuq il-visti fid-djar li għamel u għadu qed jagħmel lill-anzjani li ma joħorġux mid-dar.

F'dan il-punt kien hemm qbil li l-Kunsill iġib stimi ta' tokens tal-ħġieġ bl-arma tal-Kunsill Lokali fuqhom biex jibdew jingħataw bħala ringrazzjament/rikonoxximent f'każijiet simili.

8.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fis-seduta li għaddiet punt numru 7.4.3 ried jiftiehem li l-Kunsill intalab iħallas għat-trasport taż-żrieraq biss u mhux kif intqal li ntalab iħallas trasport għall-anzjani tal-irħula tal-madwar. Dawn l-anzjani li joqgħodu 'l bogħod miċ-ċentru, jammontaw għal 14. Dawn l-erbgħatax 'il anzjan jkollhom bżonn trasport għal darbtejn fil-ġimgħa li jiswa 16.30Euor fil-ġimgħa.

Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu minħabba li l-anzjani li jattendu d-Day Centre, iħallsu miżata u jsiru ukoll *fund raising activities*, biex jagħmlu

tajjeb għall-amministrazzjoni tal-post.

8.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dan li ġej:

- talba għal pedestrian crossing fi Vjal ix-Xarolla u fi Triq Wied Babu;

  Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li fejn intalbu, kienu ser ikunu aktar ta' periklu għal min jużhom.

- stedina minn Guy Bocci Club ghas-seduta annwali – il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru, 2015.

  L-istedina ġie nnutata.

- tiġdied tal-membership tal-Gal Xlokk li tammonta għal 500Euro għal kull kunsillier. Fil-każ tal-Kunsill Lokali Żurrieq, l-ispiża tammonta għal 4,500Euro.

  Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas din is-sħubija minħabba li fi snin preċedenti l-Kunsill ħa proġetti minn Gal Xlokk fosthom tliet toroq fl-għelieqi u attivita' Taħt id-Dell tal-Mitħna.

- Bżonn ta' study desk, 40" monitor u computer għal-librerija pubblika li b'kollox jammontaw għal madwar 1,000Euro.

  Kien hemm qbil li jinxtara l-40" monitor li l-kumpanija li tissupplixxi t-Toshiba kienet lesta li tati lura l-ammont tal-prezz, f'kotba għall-istess librerija. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru għall-edukazzjoni biex jagħti l-għajuna tiegħu f'għoti ta' Żewġ desks u jekk dawn jinġibu bla ħlas il-Kunsill ikun jista jħallas biex jixtri computer.

- Stima biex jinbidlu d-dekorazzjonijiet tal-milied li jintramaw mill-Kunsill fi Triq P P Saydon – tammonta ghal 1,980Euro għat-triq kollha.

  Kien hemm qbil li d-dekorazzjonijiet isiru parti parti. L-ewwel parti issir f'din is-sena u l-parti l-oħra fis-sena 2016.

- Resident ta' 33 Triq il-Kittinija jrid li l-bozza li tinsab imwaħħla fuq *bracket* mad-dar ġirien miegħu, titneħħa għax qal li tista taqa' u tagħmillu ħsara fil-vettura tiegħu.

  Kien hemm qbil li tinġi infurmata b'dan l-ilment il-kumpanija Nexos u tara x'manutenzjoni tenħtieġ il-bozza biex ma jkunx hemm inċidenti simili.

- Il-Kunsill kellu ilmenti li t-tindif tal-berġa tas-saħħa ma kienetx qed titnaddaf sew mill-ħaddiem tal-Kunsill u rrakomandat cleaner hi li tnaddaf il-bereġ tal-akwata. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntatjat lill-persuna msemmija u kienet lesta li tagħti s-servizz tagħha għall-ammont ta' 5Euro s-siegħa, għal darbtejn fil-ġimgħa li jinkludi ukoll tindif tal-ħġieġ u deterġenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lil ħaddiem tal-ETC assenjat mal-Kunsill u li normalment jintbagħat inaddaf il-berġa, biex ix-xogħol jagħmlu tajjeb u ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Kunsill iħallas għal tali servizz.

  Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir fl-10.00 hekk kif il-berġa tkun magħluqa għall-pubbliku ħalli x-xogħol isir sew.

  F'dan il-punt il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li qed taħdem biex il-ħinijiet tal-ftuħ tal-berġa jitwal u jibdew jingħataw aktar servizz minnha għal ġid tar-residenti.

8.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret kwotazzjonijiet għall-ikla tal-Milied.

Kien hemm qbil li din issir fil-Vivaldi Hotel għall-prezz ta' 23.50Euro kollox inkluż, għal kull persuna. Id-data ssuġġerita hi tal-14 ta' Diċembru jekk il-lukanda jkollha spazju.

8.4.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li minflok il-billboard ta' festa ħut, li hemm fl-entratura tar-raħal, jkun hemm l-awguri tal-Milied mill-Kunsill Lokali.

Kien hemm qbil fuq dan, imma l-Kunsillier Dino Bonnici esiġa li s-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi jekk tali billboard għandux il-permessi kollha meħtieġa biex ikun

installat fejn hu, ġaladarba s-Sindku kien qed isaqsi għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

**8.5 Konsultazzjoni – President Kunsilli Skolastiku**

8.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għandu bżonn jipproponi persuna biex tinħatar president tal-kunsill tal-iskola primarja.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi x'hinu r-rwol tal-President skolastiku u tinforma lill-Kunsill b'dan. Sadanittant il-Kunsill għandu jaħseb f'persuna addattata għal dan ir-rwol.

***8.6 Tender – Cleaning and Clearing of Non Urban Roads***

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet is-sentenza tal-qorti fuq ir-rikors Nru. 56/14VG li sar nhar il-15 ta' Ottubru,2015 fejn il-Qorti ddikjarat li mhux kompitu tal-Qorti li jitratt u jiddeċiedi l-każ u għalhekk jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ.

Kien hemm qbil li ġaladarba l-Kunsill għandu 5 persuni assenjati miegħu mill-ETC u IPSL, dan it-tip ta' xogħol għandu jsir minnhom biex il-Kunsill jifranka l-flus.
Minħabba l-ilmenti li tressqu fil-Kunsill li tali ħaddiema ma jagħtux il-ħin tagħhom fuq ix-xogħol u li sad-9:30 ta' filgħodu jkunu diġa telqu, kien hemm qbil li jiġu mistiedna jattendu fis-seduta li jmiss, biex tinġibed l-attenzjoni fuq dan ir-rigward u fuq ix-xogħol li ser jibda jassenjalhom il-Kunsill.

*8.7* **Ex-Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali.**

8.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-istima li għamel il-Perit Lewis fuq l-ex uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali tammonta għal 9156Euro. Rapport mehmuż **Dok 1.** Din l-istima tinkludi ir-restawr tal- gallarija u tal-bjut u ma tinkludiex tibjied fuq ġewwa.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dan is-sit jista jintuża biex isiru laqgħat, korsijiet, reharsals tal-orkestra u maħżen għall-arkivji.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li l-ewwel ħaġa li għandu jkun ċert fuqha l-Kunsill, qabel ma jidħol għal din il-manutenzjoni hi, għal kemm żmien il-Kunsill ser ikun intitolat li jikri s-sit. U wara jiġi konkluż jekk ikunx

vijabbli li l-Kunsill joħroġ din l-ispiża għall-manutenzjoni.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu favur li dan il-post jiġi f'idejn il-Kunsill, imma jħoss li l-użu tiegħu għandu jkun marbut l-aktar ma maħżen għall-arkivji u affarijiet simili. Hu qal li ma jħossx li tali post hu addattat għal lezzjonijiet u laqgħat minħabba it-turġien kbar li fih.

Kien hemm qbil fuq dan u dan l-item ser jerġa jittella għad-diskussjoni f'seduta oħra.

***8.8*** ***Skadenza tal-Kuntratt ta' ġbir ta' skart riċiklat.***

8.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ftehim mal-Kumpanija Green Pak fuq ġbir ta' skart riċiklat ser jintemm fid-19 ta' Diċembru. Hi nfurmat li ser titlob liż-żewġ kumpaniji ewlenin f'Malta li jagħtu dan is-servizz biex juru interess u jibagħtu abbozz ta' ftehim biex il-Kunsill ikun jista jagħżel minnhom. Ser jingħata żmien ta' ġimgħa biex jiġu sottometti tali dokumenti ħalli jkun hemm ċans li sa seduta oħra l-Kunsilliera jkunu jistgħu jixtarru s-servizz li jkunu ser joffru.

Dawn id-dokument jitressqu fis-seduta li jmiss u tittieħed deċiżjoni.

***8.9*** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : GS67/08/15b Hortocultural works at Public Gardens and maintenance of soft areas using Environmentally friendly products and practices.***

8.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-tliet tenders ta' dawk li ġew sottometti u miftuħa fit-23 ta' Ottubru, 2015. **Dok 2 mehmuż**

Dawn kienu:

- Callus Landscaping – 16,9050Euro
- Environmental Landscapes consortium – 18,500 Euro
- WM Env. Ltd – 29,600Euro

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-kumpanija

WM Environmental Ltd għandha 5 default notices ma Kunsilli Lokali oħra. **Dok 3 mehmuż**

Wara li l-Kunsill ra d-dokumenti kollha mehmuża fit-tenders sottometti, kien hemm qbil li minħabba li l-kumpanija Environmental Landscapes Consortium kienet ser tagħti 2 persuni assenjati kuljum, fuq iż-Żurrieq biss u l-pjanti kollha neċessarji bla ħlas, l-ammont globali totali, kien ser ikun irħas mill-Kumpanija Callus Landscaping. Kien hemm kummenti ukoll li l-Kumpanija ELC għandha esperjenza vasta f'dan il-qasam.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kumpanija ELC għandha tieħu dan ix-xogħol.

8.8.2 F'dan il-punt is-Sindku Ignatius Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill ikompli bit-taħdidied tiegħu mal-Kumpanija ELC, li qabel ma tilfet il-kuntratt preċedenti, kienet tat pjanti ta' kif setghet tinbidel ir-roundabout tal-entratura tar-raħal. Kien hemm qbil fuq dan.

8.9.3 F'dan il-punt tqajjmu l-ħafna ilmenti li l-kumpanija Waste Collection Ltd għandha fix-xogħol fuq l-istess kuntratt li ser jintemm fuq qbil bejn l-istess kumpanija u l-Kunsill, wara proposta mill-istess Kumpanija.

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-*contract's manager* is-Sur Carmel Azzopardi, żaru diversi *soft areas* u ġonna u ħadu ritratti li juru tali ilmenti.
Kien hemm qbil li l-kontijiet tax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru, ma jitħallsux qabel ma jsir ix-xogħol meħtieġ u dan għandu jingħata żmien sal-15 ta' Diċembru, 2015, biex isolvi n-nuqqasijiet.

Il-Kumpanija ELC għandha tibda bil-kuntratt tagħha mis-16 ta' Diċembru 2015.

**8.10 Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi**

8.1 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li tkellem mar-resident minn Triq ta' Ciantar li kien issuġġerixxa li jwaħħal kontenitur mal-faċċata tiegħu, biex jkun jista jpoġġi l-iskart domestiku tiegħu fih, ħalli ma jqattgħuhx il-qtates.
Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li jekk jiġi installat tali reċipjent, il-bankina tkun ostakolata.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tinforma lir-resident li ma kienx hemm soluzzjoni għat talba tiegħu u

li l-Kunsill ma setgħax jagħti permess li titpoġġa skip żgħira faċċata tar-residenza, minħabba li l-Kunsill elimina kull Bring in Site/ skip fil-lokal.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 20:20)

8.10.2 Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li qed jidħlulu ilmenti li wara jew qabel iċ-ċerimonji taż-żwieġ, in-nies qed jitfgħu konfetti u karti fuq iz-zuntier tal-knisja li dawn qed jinfirxu mal-Misraħ u t-toroq.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Arċipriet biex il-knisja tieħu ħsieb li tnaddaf wara kull funzjoni jew li ma taċċettax li jiġu mitfugħa konfetti u affarijiet li jħamġu l-lokal.

8.10.3 Il-Viċi Sindku Rita Grima ġibdet l-attenzjoni li siġra taż-żebbuġ fi Triq Frangisk Zahra qed tagħmel ħafna ħmieġ u bil-konsegwenza li l-art qed tiġi tiżloq.
Il-Kunsillier Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq is-siġar kollha taż-żebbuġ li hawn fil-lokal li qed jagħmlu ħmieġ għax ma ġewx miżura.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard issuġġerixxa biex il-Kunsill jissuġġerixxi lill-iscouts jorganizzaw attivita' bl-għajnuna tal-Kunsill, biex fiż-żmien ta' Awwissu/Settembru jaqtgħu ż-żebbuġ u jingħasar.
Kien hemm qbil fuq dan.

8.10.4 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li qed ikollu ħafna ilmenti fuq l-art vakanta fi Triq il-Qiegħa u ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel bye law ħalli kull art vakanta jittellala ħajt ta' 8 filati.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lil sid l-art ta' Triq il-Qiegħa fejn tinġibed l-attenzjoni tal-inkonvenjenza tal-istess art, minħabba l-istat maħmuġ li hi, u tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA fuq l-istess każ.

F'dan il-ħin is-Sindku ħareġ mis-seduta u kompliet tippresiedi s-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima (ħin 20:45)

8.10.4 Il-Kunsillier Tiffany Farrugia qalet li hemm bżonn jsiru *parking bays* tul Triq l-Imdawra kollha u mhux f'nofsha biss.
Kien hemm qbil li jkun ordnat ix-xogħol.

8.10.5 Il-Kunsillier David Abdilla qal li ma qabilx mal-inizjattiva li ħa s-Sindku li qabad u ħassar il-linji sofor

mil-kantuniera ta' Triq Kanonku Vincenz Balzan ma' Triq Napuljun, wara ftit siegħat li kienu saru b'works order. Dan kollu biex xi persuni jipparkjaw fil-kantuniera.
Hu qal li dejjem mexa kif titlob il-liġi u dak li jkun approvat minnu bħala l-Kunsillier responsabbli minn dan il-qasam m'għandux jitħassar, għalhekk talab biex tali linji jerġgħu jsiru. Kien hemm qbil fuq dan.

8.10.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq dan il-ġej:

- tinżebah l-arma taż-Żurrieq fl-entratura tar-raħal

  kien hemm qbil fuq dan.

- Isiru linji sofor (metru tul) mal-ġemb ta' garaxx fi Triq Matteolo Saliba minħabba li l-vetturi qed jinblukkaw l-aċċess għal-garaxx.

  Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol

- Tinkiteb ittra uffiċċjali lill-Kunsill ta' Borgo Maggiore biex nistaqsu jekk humix lesti li jilqgħu delegazzjoni mil-Kunsill taż-Żurrieq, flimkien mal-orkestra taż-Żurrieq, fl-ewwel ħmistax ta' Awwissu u humiex lesti li jagħtu l-għajnuna tagħhom fit-trasport, kif għamel il-Kunsill taż-Żurrieq, fil-mawra li kienu għamlu huma f'Malta.

  Kien hemm qbil fuq dan.

- Kien issuġġeriet li l-vetturi minn Vjal l-Indipendenza jitilgħu għal Triq il-Kunċizzjoni minflok jagħddu dirett għal Triq Wied Babu, dan biex jonqsu l-inċidenti.

  Il-Kunsillier Jean Pierre Attard issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Onorevoli Michael Falzon u jiġu kkupjati l-Onor Owen Bonnici u l-Onor Stefan Buontempo u jinfurmhom li waħda mid-djar li qed tostakola Vjal l-Inidipendenza tinsab għall-bejgħ u l-Gvern jista jibda billi jixtri tali dar ħalli tkun tista titwaqqa u t-traffiku jagħddi faċilment.

  Kien hemm qbil fuq dan.

8.10.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu ilu snin jinsisti biex jinkiteb ktieb fuq l-istorja taż-Żurrieq u xi snin ilu kien avviċina lil Fr John Curmi li hu intiż fuq is-suġġett, imma minħabba l-impenji kbar li għandu bħala Kappillan tal-Imqabba ma jistax jagħti ħin biżżejjed fuq dan il-proġett. Għalhekk avviċina lil Prof Horatio Vella biex ikompli dan il-proġett. Din ir-riċerka tinvolvi ħafna xogħol u wisq propabbli ma tkunx lesta sa din il-leġislatura. Hu informa li Prof Horatio Vella lest li jagħmel dan il-proġett volontarjament.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier Joseph D'Amato jibqa jaħdem fuq dan il-proġett.

F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jekk mir-riċerki joħroġ li l-Blue Grotto jagħmel mal-konfini taż-Żurrieq, il-Kunsill għandu jinsisti biex jieħdu lura. Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa ukoll fejn wasal il-proċess tal-investigazzjoni re: Konfini Zurrieq/Safi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għandha issir laqgħa oħra biex tiffinalizza dak li ser jintqal fil-qorti.

8.10.8 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Maratona tal-ġiri li saret nhar il-Ħadd 8 ta' Novembru, kienet suċċess għax ipparteċipaw fiha 'l fuq minn elf ruħ. Imma hu jinsab offiż għal mod kif il-Kunsill ġie stmat wara l-flus li ħareġ u wara x-xogħol li għamel biex tali maratona tkun suċċess. Hu qal li l-Kunsill ma kienx rikonoxxut waqt l-attivita' u ssuġġerixxa li tinkiteb ittra liż- Żurrieq Wolves, (ikkupjat ukoll is-Sur Joe Micallef tal-Malta Marathon) f'dan il-kuntest.
L-ittra tressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill u ġiet approvata li tintbagħat.

8.10.9 F'dan il-punt minħabba li kienu saru d-21:00 kien hemm qbil unanimu li s-seduta għandha titkompla sakemm jitlestew il-punti kollha fuq l-aġenda.

8.10.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni fuq rapport intensiv li kien sar f'leġislazzjonijiet preċedenti fuq l-għargħar ta' Triq P P Saydon u l-pjazez. Hu qal li hemm bżonn li tali rapport jiġi mfittex u jitressaq lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi biex jikkunsidra li l-Ministeru jagħmel tali xogħol.

Kien hemm qbil fuq dan.

## *8.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

8.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€55,171.30**

F'dan il-punt:

- il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq punt 43 – Leisure animation enterprises, li jammonta għal 826Euro fuq xogħol fl-attivita' ta' festa ħut. Il-Kunsillier Pierre Farrugia qabel ma' dan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għada tagħddi kopja tal-kont imsemmi lill-Kunsilliera kollha.

- il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq punt 61 -il-mugs li inxtraw għall-anzjani. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kull sena jinxtara xi ħaġa żgħira lill-anzjani, mill-fondi li jkunu inġabru mill-attivita' li ssir fis-sajf (tal-mawra ta' Sqallija). Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li xorta waħda dawn kellhom jissemmew fis-seduta qabel jinxtraw, bħal ma kien isir f'leġislatura preċedenti. Hu qal ukoll li ma ħarġet minn imkien li s-Sindku kien ser jagħti dawn bħala rigali għax fil-minuti tas-sotto kumitat għall-anzjani ma kienetx imsemmija. F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku mar jixtrihom mingħajr ma saret *purchase order* u hi ma kellix kontroll fuq is-sitwazzjoni. Inxtraw 100 mug li ser jitqassmu waqt żjara li s-Sotto Kumitat Anzjani ser jagħmel fid-djar tal-anzjani.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mil-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsilliera Jean Pierre Attard u Tiffany Farrugia.

## *8.12 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

8.12.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-21:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16ta' Diċembru, 2015 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta’ Diċembru, 2015.

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |